ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 3

## IL-ĦAMES SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (Ġenerali) IL-ĦIN: Siegħa u Tliet Kwarti

**L-Isem: ______________________________ Il-Klassi: ____________**

**Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' Taqsimiet (A, B, C u D). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

**Taqsima A: Aqra sew din is-silta u wara wieġeb fit-dettall il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin:**

"Illum in-numru ta' anzjani qiegħed dejjem jiżdied speċjalment fil-pajjiżi industrijalizzati. F'Malta, il-perċentwal ta' anzjani fil-popolazzjoni qiegħda dejjem tiżdied tant li din żdiedet minn 9.6% fis-sena 1921 għal 19.5% fis-sena 1995. Skont iċ-ċensiment tal-2005 kien hemm 77,434 persuna (19.2%) ta' età 'l fuq minn 60 sena, bin-nisa jkunu iktar numerużi mill-irġiel. B'mod ġenerali, il-livell ta' għajxien tal-anzjani mhux daqstant differenti minn dak ta' gruppi ta' etajiet oħra. F'Malta, l-livell ta' għajxien tal-anzjani huwa aktar minn 85% meta jiġi mqabbel mal-bqija tal-popolazzjoni (Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, 2007). Madankollu huwa aktar faċli għall-anzjani li jispiċċaw vittmi tal-faqar fil-parti l-kbira tal-Ewropa u dawk li għandhom 'il fuq minn 75 sena, speċjalment in-nisa, għandhom riskju akbar. F'Malta, l-anzjani jokkupaw it-tieni post wara t-tfal fil-kategorija ta' dawk l-akbar vulnerabbli."

**Adattat minn *Social Transitions in Maltese Society* ta' J.Cutajar u G.Cassar (2009)**

### Mistoqsijiet:

1. Għaliex illum in-nies qed jgħixu aktar fit-tul? Agħti **TLIET** raġunijiet għat-tweġiba tiegħek. (6)
2. Agħti **TLIET** raġunijiet għaliex l-anzjani jistgħu jkunu vittmi tal-faqar. (6)
3. Fisser x'inhi inklużjoni. Kif nistgħu ninkludu l-anzjani fis-soċjetà tagħna? Agħti **TLIET** eżempji. (5)
4. Semmi **ERBA'** problemi li jagħmlu l-ħajja tal-anzjani aktar diffiċli minn ta' oħrajn. (4)
5. Semmi **ERBA'** servizzi soċjali li l-anzjani jirċievu mill-Istat. (4)
6. Fl-opinjoni tiegħek kif wieħed jista' jgħin lill-anzjani? (5)

**(30 marka)**

**Taqsima B: Aqra sew din is-silta u wara wieġeb fid-dettall il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin:**

"Fil-komunità internazzjonali, l-iżvilupp sostenibbli ngħata attenzjoni għall-ewwel darba fl-1992 fil-Konferenza Internazzjonali dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp li saret f'Rio de Janeiro. Minbarra dikjarazzjonijiet politiċi importanti, il-Konferenza wasslet ukoll għall-approvazzjoni tal-Aġenda 21, programm li permezz tiegħu 180 pajjiż differenti (fosthom l-Italja) niżżlu l-21 għan l-iżjed importanti li jridu jilħqu b'risq is-sostenibbiltà. B'dan il-mod enfasizzaw ukoll l-impenn pubbliku għall-promozzjoni tad-dimensjoni ambjentali fil-politika tal-iżvilupp. Minkejja dan wara għaxar snin, id-dikjarazzjonijiet formali kienu baqgħu ma tawx frott fil-forma ta' impenji konkreti, u l-Ġnus Magħquda reġgħet tat spinta lejn l-azzjoni fis-Summit Dinji fuq l-Iżvilupp Sostenibbli, ġewwa Johannesburg. Hemmhekk reġgħet ġiet imtennija r-rabta bejn l-iżvilupp tal-bniedem u l-ħarsien tal-ambjent u tbassru l-miżuri li kellhom jittieħdu fuq livelli differenti: internazzjonali, nazzjonali u lokali."

**Mistoqsijiet:**

1. Fisser x'inhu **żvilupp sostenibbli** u agħti **ŻEWĠ** eżempji. (5)
2. Għid x'sar fis-Summit tal-1992 u għaxar snin wara fil-Konferenza ta' Johannesburg? (4)
3. Spjega xi tfisser il-frażi "ir-rabta bejn l-iżvilupp tal-bniedem u l-ħarsien tal-ambjent". Agħti eżempju biex issaħħaħ l-argument tiegħek. (5)
4. X'jista' jsir biex inħarsu l-ambjent tagħna. Agħti **TLIET** eżempji. (8)
5. Semmi **ŻEWĠ** aġenziji, waħda nazzjonali u oħra internazzjonali, li jħarsu l-ambjent. (4)
6. Spjega kif l-iskola tiegħek tista' timpenja ruħha aktar favur l-ambjent. (4)

**(30 marka)**

**Taqsima C: Ikteb paragrafu ta' madwar 150 kelma fuq WIEĦED minn dawn li ġejjin:**

1. Fisser x'inhu **Stat Soċjali** (*Welfare State*) u uri kif dan jista' jgħin lil persuni fil-bżonn.
2. X'inhi d-differenza bejn **żvilupp** u **modernizzar**?

**(15-il marka)**

**Taqsima D: Agħżel WIEĦED mit-temi li ġejjin u ikteb madwar 200-250 kelma dwaru:**

1. "Bidliet ekonomiċi, teknoloġiċi u soċjali qed jaffettwaw bis-sħiħ il-familja tal-lum". Ikkummenta u agħti eżempji biex issaħħaħ l-argumenti tiegħek.
2. Għaliex huwa importanti li ż-żgħażagħ jissieħbu f'għaqdiet volontarji? Iddiskuti.
3. X'tifhem b'**identità nazzjonali** u uri kif nistgħu napprezzawha aktar. Saħħaħ it-tifsira tiegħek b'eżempji.

**(25 marka)**